**DIKJARAZZJONI DWAR GĦAJNUNA MOGĦTIJA MILL - ISTAT (DE MINIMIS)**

***- Għajnuna lill-Iskejjel tal-Knisja u Indipendenti fuq Spejjeż Kapitali konnessi mal-Implimentazzjoni tar-Riformi Edukattivi biex Uliedna Jirnexxu Lkoll -***

Jekk l-applikazzjoni sottomessa tiġi approvata, il-proġett jibbenefika minn għajnuna mill-Istat *de minimis* f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. għall-għajnuna *de minimis*.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 jippermetti 'impriża waħda' li tirċievi ammont massimu aggregat ta' għajnuna *de minimis* ta' EUR 300,000 taħt il-miżuri kollha ta' għajnuna *de minimis*, matul il-perjodu applikabbli ta' tliet snin. Il-perjodu ta' tliet snin huwa vvalutat fuq bażi kontinwa. Għal kull għotja ġdida ta' għajnuna *de minimis*, jeħtieġ li jitqies l-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* mogħtija fit-3 snin preċedenti. Bħala eżempju, jekk id-dikjarazzjoni tiġi ffirmata fit-30 ta' Jannar 2026, l-applikant għandu jindika fit-tabella t'hawn taħt u fuq il-paġna ta' wara, l-għajnuna *de minimis* kollha li jkun irċieva mit-30 ta' Jannar 2023 'il quddiem. Għall-fini ta' din id-dikjarazzjoni, it-terminu 'impriża waħda' għandu jkollu t-tifsira kif stabbilit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831.

Dan il-limitu massimu jkun jinkludi l-għajnuna mill-Istat kollha mogħtija taħt din l-iskema u kwalunkwe miżura oħra ta' għajnuna mill-Istat mogħtija taħt ir-regola de minimis. Kwalunkwe għajnuna de minimis riċevuta li jaqbeż il-limitu stabbilit se jkollha tiġi rkuprata, bl-imgħax, mill-impriża li tirċievi l-għajnuna.

Din li ġejja hija lista indikattiva tal-forom possibbli ta' għajnuna mill-Istat:

- Għotjiet minn korpi pubbliċi
- Self jew garanziji ta' self b'rati favorevoli
- Benefiċċji fiskali
- Rinunzja jew differiment ta' tariffi jew imgħax normalment dovuti
- Għajnuna fil-marketing u fir-reklamar
- Konsulenza, taħriġ u appoġġ ieħor ipprovduti jew b'xejn jew b'rata mnaqqsa
- Għajnuna għal investiment fi proġetti ambjentali jew għajnuna ta' riċerka u żvilupp
- Xiri, kiri jew kiri ta' proprjetà immobbli b'inqas mir-rata tas-suq.

Potenzjalment kwalunkwe għajnuna minn korp pubbliku tista' tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Jekk ikollok xi dubji dwar jekk kwalunkwe għajnuna pubblika li tirċievi hijiex għajnuna de minimis, għandek tikkuntattja l-aġenzija jew id-dipartiment li minnu tkun irċeviet l-assistenza sabiex taċċerta dan.

## DIKJARAZZJONI

Niddikjara li ammont totali ta' għajnuna *de minimis* li rċevejt sal-lum matul **il-perjodu applikabbli ta' tliet snin** mid-data tal-iffirmar ta' din id-dikjarazzjoni huwa:

| Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|
| € | € | € | € | € |

It-tqassim tas-sors, it-tip u l-ammont tal-għajnuna *de minimis* kollha riċevuti kif ukoll dik li saret applikazzjoni għaliha minn kwalunkwe għotja tal-għajnuna mill-Istat, hija ppreżentata fuq il-paġna ta' wara.

Isem Legali tal-Impriża u Klassifikazzjoni NACE

Numru tal-Impriiża / Numru tal-VAT

Isem u Kunjom (ITTRI KAPITALI)

Pozizzjoni fl-Impriiża

Firma

Data

**INFORMAZZJONI DETTALJATA DWAR GĦAJNUNA MILL-ISTAT APPLIKABBLI TAĦT IR-REGOLA *DE MINIMIS***

**TAQSIMA 1 – GĦAJNUNA MILL-ISTAT *DE MINIMIS* MOGĦTIJA**

| Data | Sors/Konċessjonarju | Tip ta' Għajnuna mill-Istat (Isem tal-Miżura) | Mogħtija lil | Ammont f'€ |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| TOTAL (A1) | | | | |

**TAQSIMA 2 – GĦAJNUNA MILL-ISTAT *DE MINIMIS* LI GĦADHA PENDENTI GĦALL-APPROVAZZJONI**

| Data | Sors/Konċessjonarju | Tip ta' Għajnuna mill-Istat (Isem tal-Miżura) | Mogħtija lil | Ammont f'€ |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| TOTAL (A2) | | | | |

**TAQSIMA 3 – GĦAJNUNA MILL-ISTAT *DE MINIMIS* MITLUBA F'DIN L-APPLIKAZZJONI**

| Data | Sors/Konċessjonarju | Tip ta' Għajnuna mill-Istat (Isem tal-Miżura) | Ammont f'€ |
|---|---|---|---|
| | | | |

| | |
|---|---|
| **AMMONT TOTALI TA` GĦAJNUNA *DE MINIMIS*** <br> **Total ta' Taqsima 1, 2 u 3 ta' hawn fuq (A1 + A2 + A3)** | € |